Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10019 — AP1/AP3/AP4/Telia Carrier Entities)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 395/05)

1. Fit-12 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Första AP-fonden ("AP1", l-Isvezja)

— Tredje AP-fonden ("AP3", l-Isvezja)

— Fjärde AP-fonden ("AP4", l-Isvezja)

— entitajiet ta' Telia Carrier (l-Isvezja)

AP1, AP3 u AP4 jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-34 entità ta' Telia Carriers f'34 ġurisdizzjoni fl-UE u mhux fl-UE.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma minn kumpanija tal-investiment, Polhem Infra KB, inkorporata u kkontrollata bi sħab minn AP1, AP3 u AP4, li b'hekk se tikkontrolla indirettament l-entitajiet ta' Telia Carrier.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AP1, AP3 u AP4: fondi tal-pensjonijiet li jaġixxu bħala bafer fis-sistema tal-pensjonijiet nazzjonali Svediża. Huma awtoritajiet governattivi indipendenti li jieħdu deċiżjonijiet indipendenti dwar l-investimenti tagħhom.

— Entitajiet ta' Telia Carriers: finalment proprjetà ta' Telia Company AB, huma jħaddmu network globali tal-fibra (internet backbone), li jintuża għall-forniment ta' servizzi internazzjonali tat-trasport;

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10019 — AP1/AP3/AP4/Telia Carrier Entities

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.